

Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma daww ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Daww it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

► **B**

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 360/2012

tal-25 ta' April 2012

dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal għajnuna de minimis mogħtija lil impriżi li jipprovdu servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 114, 26.4.2012, p. 8)

Emendat minn:

Ġurnal Uffiċjali

	Nru	Paġna	Data
► M1 Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/1923 tas-7 ta' Diċembru 2018	L 313	2	10.12.2018



REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 360/2012

tal-25 ta' April 2012

dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal għajnuna de minimis mogħtija lil impriżi li jipprovdu servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

Artikolu 1

Kamp ta' Applikazzjoni u Definizzjonijiet

1. Dan ir-Regolament japplika għal għajnuna mogħtija lil impriżi li jipprovdu servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali skont it-tifsira tal-Artikolu 106(2) tat-Trattat.

2. Dan ir-Regolament ma japplikax għal:

- (a) għajnuna mogħtija lil impriżi għal attivitajiet fis-setturi tas-sajd u tal-akwakultura, kif koperti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 ⁽¹⁾;
- (b) għajnuna mogħtija lil impriżi attivi fil-produzzjoni primarja ta' prodotti agrikoli;
- (c) għajnuna mogħtija lil impriżi attivi fl-ipproċessar u t-tqegħid fis-suq ta' prodotti agrikoli, fil-każi segwenti:
 - (i) meta l-ammont tal-għajnuna jkun ffissat fuq il-bażi tal-prezz jew kwantità ta' prodotti bħal dawn mixtrija minn produttori primarji jew imqiegħda fis-suq mill-impriżi kkonċernati,
 - (ii) meta l-għajnuna tkun bil-kundizzjoni li parti minnha jew kollha kemm hi tingħata lill-produttori primarji;
- (d) għajnuna għal attivitajiet relatati mal-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi jew Stati Membri, jiġifieri għajnuna marbuta direttament ma' kwantitajiet esportati, it-twaqqif u t-tħaddim ta' netwerk ta' distribuzzjoni jew nefqa oħra kurrenti marbuta mal-attività tal-esportazzjoni;
- (e) għajnuna li tiddependi mill-użu ta' prodotti domestiċi fuq dawk importati;
- (f) għajnuna mogħtija lil impriżi attivi fis-settur tal-faħam, kif stipulat fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/787/UE ⁽²⁾;
- (g) għajnuna mogħtija lill-intrapriżi li jeżegwixxu trasport tal-merkanzija bit-triq għal kiri u ħlas;
- (h) għajnuna mogħtija lil impriżi f' diffikultà.

Jekk huma impriżi attivi fis-setturi msemmija fil-punti (a), (b), (c) jew (g) tal-ewwel subparagrafu, kif ukoll f'setturi mhux esklużi mill-iskop ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, dan ir-Regolament japplika biss għal għajnuna mogħtija fir-rigward ta' dawk is-setturi jew attivitajiet

⁽¹⁾ ĠU L 17, 21.1.2000, p. 22.

⁽²⁾ ĠU L 336, 21.12.2010, p. 24.

▼B

oħra, bil-kundizzjoni li Stati Membri jiżguraw li l-attività fis-setturi esklużi ma tibbenefikax minn għajnuna *de minimis* taħt dan ir-Regolament, b'mezzi xierqa bħal ma huma s-separazzjoni tal-attività jew distinzjoni fl-ispejjeż.

3. Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament:

- (a) “prodotti agrikoli” tfisser prodotti elenkati fl-Anness I tat-Trattat, ħlief għall-prodotti tas-sajd;
- (b) “ipproċessar ta' prodotti agrikoli” tfisser kwalunkwe operazzjoni fuq prodott agrikolu li tirriżulta fi prodott li huwa wkoll prodott agrikolu, ħlief fuq attivitajiet li jsiru f'razzett li huma neċessarji għall-preparazzjoni ta' prodott minn annimal jew pjanta għall-ewwel bejgħ;
- (c) “it-tqegħid fis-suq ta' prodotti agrikoli” tfisser li żżomm jew turi bil-għan li tbiegħ, li toffri għall-bejgħ, li tikkonsenja jew kwalunkwe mod ieħor ta' tqegħid fuq is-suq, minbarra għall-ewwel bejgħ minn produttur primarju lil min jerġa' jbiegħ jew lil proċessuri u kwalunkwe attività li tipprepara prodott għal dak l-ewwel bejgħ; bejgħ mill-produttur primarju lill-konsumaturi finali għandu jitqies bħala kummerċjalizzazzjoni jekk dan iseħħ f'post separat riżervat għal dak il-għan.

Artikolu 2

Għajnuna *de minimis*

1. Għajnuna mogħtija lil impriżi għall-forniment ta' servizz ta' interess ekonomiku ġenerali għandha titqies li ma tissodisfax il-kriterji kollha tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat u għaldaqstant għandha tiġi eżentata mill-ħtieġa ta' notifika skont l-Artikolu 108(3) tat-Trattat jekk tissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafi 2 u 8 ta' dan l-Artikolu.

2. L-ammont totali ta' għajnuna *de minimis* mogħtija lil xi impriża waħda li jipprovdu servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali ma għandhiex taqbeż il-EUR 500 000 matul kwalunkwe perjodu ta' tliet snin fiskali.

Dan il-limitu għandu japplika irrispettivament mill-forma tal-għajnuna *de minimis* jew tal-għan mixtieq u japplika wkoll sew jekk l-għajnuna mogħtija mill-Istati Membri tkun iffinanzjata totalment u sew jekk parzjalment mir-riżorsi li jkunu joriġinaw mill-Unjoni. Il-perjodu li għandu jitqies huwa ddeterminat permezz ta' referenza għall-eżerċizzji fiskali użati mill-intrapriża fl-Istat Membru kkonċernat.

3. Il-limitu stipulat fil-paragrafu 2 għandu jkun espress bħala għotja ta' flus kontanti. L-ċifri kollha użati huma f'ammonti grossi, jiġifieri qabel it-tnaqqis tat-taxxi jew imposti oħra. Fejn l-għajnuna tingħata f'forma oħra għajr għotja, l-ammont tal-għajnuna għandu jkun l-ekwivalenti tal-għajnuna bħala għotja gross.

Għajnuna li titħallas f'diversi pagamenti bin-nifs għandha tiġi skontata għall-valur tagħha fil-mument tal-għotja. Ir-rata tal-interessi li tintuża għal skopijiet ta' skont għandha tkun ir-rata ta' referenza applikabbli fil-mument tal-għotja.

▼B

4. Dan ir-Regolament għandu japplika biss għall-ghajjnuna li għaliha jista' jiġi kkalkulat *ex ante* b'mod preċiż l-ekwivalenti tal-għotja gross mingħajr il-ħtieġa ta' evalwazzjoni tar-riskju ("ghajjnuna trasparenti"). B'mod partikolari:

- (a) l-ghajjnuna inkluża f'self għandha titqies bħala ghajjnuna *de minimis* trasparenti meta l-għotja grossa ekwivalenti tkun għet ikkalkulata fuq il-bażi tar-rata ta' referenza applikabbli fil-ħin tal-għotja;
- (b) ghajjnuna fil-forma ta' injezzjonijiet ta' kapital ma għandhiex tkun ikkunsidrata ghajjnuna *de minimis* trasparenti, sakemm l-ammont totali ta' injezzjoni mill-pubbliku ma jaqbiżx il-limitu *de minimis*;
- (c) ghajjnuna fil-forma ta' miżuri ta' kapital ta' riskju ma għandhiex titqies bħala ghajjnuna *de minimis* trasparenti, sakemm l-iskema ta' kapital ta' riskju kkonċernata tipprovdi kapital biss sal-limitu *de minimis* għal kull impriża fil-mira;
- (d) Ghajjnuna individwali mogħtija taħt skema ta' garanzija lill-intrapriżi li mhumiex intrapriżi f'diffikultà għandha titqies ghajjnuna *de minimis* trasparenti meta parti mis-self tal-garanzija pprovdut fi skema bħal din ma taqbiżx EUR 3 750 000 għal kull intrapriża. Jekk il-parti "garanzija" tas-self sottostanti ma tirrappreżentax ħlief frazzjoni ta' dan il-limitu, l-ammont ekwivalenti għas-sussidju gross tal-garanzija huwa preżunt li jikkorrispondi mal-istess frazzjoni tal-limitu msemmi fil-paragrafu 2. Il-garanzija ma għandhiex tkun aktar minn 80 % tas-self sottostanti. Skemat ta' garanzija għandhom ukoll jitqiesu trasparenti jekk:
 - (i) qabel l-implimentazzjoni tal-iskema, il-metodoloġija għall-kalkolu tal-għotja gross ekwivalenti tal-garanziji għet aċċettata wara notifika ta' din il-metodoloġija lill-Kummissjoni taħt regolament adottat mill Kummissjoni fil-qasam tal-ghajjnuna mill-Istat; u
 - (ii) il-metodoloġija approvata tiffoka b'mod espliċitu fuq it-tip ta' garanziji u t-tip ta' transazzjonijiet sottostanti kkonċernati fil-kuntest tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

5. Fejn l-ammont totali ta' ghajjnuna *de minimis* taħt dan ir-Regolament mogħtija lil impriża għall-forniment ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali jaqbeż il-limitu stabbilit fil-paragrafu 2, dak l-ammont ma jistax jibbenefika minn dan ir-Regolament, anki għal frazzjoni li ma taqbiżx dak il-limitu. F'każ bħal dan, il-benefiċċju ta' dan ir-Regolament ma jistax jintalab għal din il-miżura ta' ghajjnuna.

6. L-ghajjnuna *de minimis* skont dan ir-Regolament ma għandhiex tiġi akkumulata ma' ghajjnuna mill-Istat fir-rigward tal-istess spejjeż eliġibbli jekk tali kumululu jirriżulta f'intensità ta' ghajjnuna li taqbeż dik stipulata fiċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' kull każ minn Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali jew minn Deċiżjoni adottata mill-Kummissjoni.

7. Ghajjnuna *de minimis* taħt dan ir-Regolament tista' tiġi akkumulata ma' ghajjnuna *de minimis* taħt ir-regolamenti *de minimis* oħra sa limitu stabbilit fil-paragrafu 2.

▼B

8. Madankollu, għajnuna *de minimis* taħt dan ir-Regolament ma għandhiex tiġi akkumulata ma' ebda kumpens fir-rigward tal-istess servizz ta' interess ekonomiku ġenerali, irrISPettivament dwar jekk jammontax għal għajnuna mill-Istat jew le.

Artikolu 3

Monitoraġġ

1. Meta Stat Membru jkollu l-intenzjoni li jagħti għajnuna *de minimis* lil impriża taħt dan ir-Regolament, huwa għandu jinforma lil dik l-impriża bil-miktub dwar l-ammont potenzjali tal-għajnuna, espress bħala ekwivalenti ta' għotja gross, tas-servizz ta' interess ekonomiku ġenerali li fir-rigward tiegħu hija mogħtija u dwar in-natura *de minimis* tal-għajnuna, filwaqt li jagħmel referenza speċifika għal dan ir-Regolament, u jċċita t-titolu tiegħu u r-referenza ta' pubblikazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Fejn l-għajnuna *de minimis* taħt dan ir-Regolament tingħata lil impriżi differenti fuq il-bażi ta' skema u ammonti differenti ta' għajnuna individwali jingħataw lil dawk l-impriżi taħt dik l-iskema, l-Istat Membru kkonċernat jista' jagħżel li jissodisfa dak l-obbligu billi jinforma lill-impriżi dwar is-somma fissa li tikkorrispondi mal-ammont massimu ta' għajnuna li tkun se tingħata taħt dik l-iskema. F'każ bhāl dan, is-somma fissa għandha tintuża biex jiġi determinat jekk il-limitu stipulat fl-Artikolu 2(2) intlaħaqx. Qabel l-allokazzjoni tal-għajnuna, l-Istat Membru għandu wkoll jikseb dikjarazzjoni mill-impriża li tipprovdi s-servizz ta' interess ekonomiku ġenerali, bil-miktub jew f'forma elettronika dwar xi għajnuna oħra *de minimis* riċevuta taħt dan ir-Regolament jew taħt ir-regolamenti *de minimis* oħra matul is-sentejn fiskali preċedenti u s-sena fiskali kurrenti.

L-Istat Membru għandu jagħti l-għajnuna *de minimis* ġdida taħt dan ir-Regolament biss wara li jkun ivverifika li dan ma jżidx l-ammont totali tal-għajnuna *de minimis* mogħtija lil impriża li tipprovdi servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali taħt dan ir-Regolament għal livell ogħla mil-limitu stipulat fl-Artikolu 2(2) u li r-regoli ta' kumulazzjoni fl-Artikolu 2(6), (7) u (8) qed jiġu rispettati.

2. Meta Stat Membru jkun ħejja reġistru ċentrali ta' għajnuna *de minimis* li jkun fih informazzjoni sħiħa dwar l-għajnuna kollha *de minimis* mogħtija lil impriżi li jipprovdu servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali minn kwalunkwe awtorità fi ħdan dak l-Istat Membru, l-ewwel sotto-paragrafu tal-paragrafu 1 ma japplikax aktar mill-mument li r-reġistru jkun ikopri perjodu ta' tliet snin.

3. L-Istati Membri għandhom iżommu rekord u jiġbru l-informazzjoni kollha dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Dawn ir-rekords għandhom jinkludu l-informazzjoni kollha meħtieġa biex jintwera li l-kundizzjonijiet ta' dan ir-Regolament ikunu ġew osservati. Ir-rekords li jkollhom x'jaqsmu ma' għajnuna *de minimis* individwali għandhom jinżammu għal perjodu ta' 10 snin fiskali mid-data li fiha tkun ingħatat l-għajnuna. Ir-rekords li jkollhom x'jaqsmu ma' skema ta' għajnuna *de minimis* għandhom jinżammu għal perjodu ta' 10 snin mid-data li fiha

▼B

tkun ingħatat l-aħħar għajjnuna individwali bit-tali iskema. B'talba bil-miktub, l-Istat Membru kkonċernat għandu jipprovdi lill-Kummissjoni, f'perjodu ta' 20 jum ta' xogħol, jew tali perjodu itwal hekk kif jista' jiġi f'fissat fit-talba, l-informazzjoni kollha li l-Kummissjoni tqis meħtieġa biex tanalizza jekk il-kundizzjonijiet ta' dan ir-Regolament ikunux ġew imħarsa, u b'mod partikolari l-ammont totali tal-għajjnuna *de minimis* taħt dan ir-Regolament jew taħt regolamenti *de minimis* oħra li tkun irċeviet xi impriża.

*Artikolu 4***Dispożizzjonijiet tranżizzjonali**

Dan ir-Regolament għandu japplika għal għajjnuna *de minimis* mogħtija għall-provvista ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali qabel id-dħul fis-seħħ tiegħu, sakemm din l-għajjnuna tissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 1 u 2. Kwalunkwe għajjnuna għall-forniment ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali li ma tikkonformax ma' dawn il-kundizzjonijiet għandha tiġi analizzata skont id-deċiżjonijiet, l-oqfsa, il-linji gwida, il-komunikazzjonijiet u l-avviżi rilevanti.

Fl-aħħar tal-perjodu ta' validità ta' dan ir-Regolament, kwalunkwe għajjnuna *de minimis* li tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' dan ir-Regolament tista' tkun implimentata b'mod validu għal perjodu ulterjuri ta' sitt xhur.

*Artikolu 5***Dħul fis-seħħ u perjodu ta' validità**

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ fit-tieliet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu jibqa' japplika sal-►**M1** 31 ta' Diċembru 2020 ◀.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.